— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark figurattiva "Pelikan" għas-servizzi fil-klassijiet 35 u 39 (Trade mark Komunitarja Nru 3 325 941).

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* Pelikan Vertriebsgesellschaft mbH & Co. KG

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:* meta ppreżenta l-applikazzjoni għal trade mark l-applikant aġixxa *in mala fede* [Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ([1])].

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità rrifjutata

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* rikors miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li, skont ir-rikorrenti, l-UASI ma evalwax korrettament iċ-ċirkustanzi fattwali tal-kwistjoni kif ukoll il-provi ppreżentati u wettaq żball ta' liġi, sabiex b'hekk wasal għall-konklużjoni li l-applikazzjoni għal trade mark inkwistjoni ma ġietx ippreżentata *in mala fede*.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE), Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2011 — TMS Trademark-Schutzrechtsverwertungsgesellschaft vs UASI — Comercial Jacinto Parera (MAD)

**(Kawża T-152/11)**

(2011/C 139/45)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* TMS Trademark-Schutzrechtsverwertungsgesellschaft mbH (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Hein u M.-H. Hoffmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Comercial Jacinto Parera, SA (Barcelona, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-16 ta' Diċembru 2010, fil-Każ R 449/2009-2;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade Mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal revoka:* it-trade mark figurattiva "MAD" għal prodotti fil-klassi 25

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* Comercial Jacinto Parera, SA

*Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba parzjalment miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 15 u tal-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ([1]) u tar-Regola 22 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 ([2]), peress li l-Bord tal-Appell, abbażi ta' dokumenti prodotti bħala prova tal-użu, ma kellux jikkonkludi li t-trade mark figurattiva "MAD" kienet is-suġġett ta' użu ġenwin għal "oġġetti ta' ħwejjeġ".

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1)

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p.l 220)

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2011 — Zenato Azienda Vitivinicola v UASI — Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (ZENATO RIPASSA)

**(Kawża T-153/11)**

(2011/C 139/46)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Zenato Azienda Vitivinicola Srl (Peschiera del Garda, l-Italja) (rappreżentant: A. Rizzoli, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (Verona, l-Italja)